**29 ta' Jannar, 1998**

**Imħallef:-**

**Onor. Geoffrey Valenzia B.A., LL.D.**

Mario Fava *et*

*versus*

Joseph Sultana

**Habta f'Salib it-Toroq - Responsabbilità**

*Żewġ sewwieqa meta jersqu lejn salib it-toroq iridu jieħdu l-prekawzjonijiet kollha neċessarji biex jevitaw kollizjoni, u jekk jonqsu minn dan id-dover it-tnejn iridu jbatu parti mit-tort.*

Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-atturi ppremettew illi fid-disa' (9) ta' Frar, 1994, l-attriċi Alexandra Fava kienet għaddejja f'Saint Andrews bil-karozza tal-marka *mini minor* u bin-numru tar-reġistrazzjoni L-5587;

Premess illi l-vettura hawn fuq imsemmija tappartjeni lill-komunjoni ta' l-akkwisti bejn l-atturi Alexandra Fava u żewġha Mario Fava;

Premess illi l-konvenut minħabba negliġenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti waqt li kien qiegħed isuq il-vettura tal-marka *Transit* u bin-numru tar-reġistrazzjoni U-6375 nhar id-disa' ta' Frar, 1994, għall-ħabta ta' l-erbgħa neqsin kwart ta' wara nofs-in-nhar, daħal fuq l-attriċi u għamlilha ħsara fil-karozza li kienet qiegħda ssuq;

L-atturi talbu li din l-Onorabbli Qorti:

*Tiddikjara lill-*konvenut responsabbli għad-danni minnu kkaġunati fil-vettura ta' l-atturi fl-inċident msemmi tad-disgħa (9) ta' Frar, 1994;

Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi okkorrendo bl-opra ta' periti *nominandi*;

Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-atturi l-ammont hekk dikjarat bħala dovut in linea ta' danni kif ingħad, bl-imgħaxijiet legali mid-data tan-notifika taċ-ċitazzjoni;

Bl-ispejjeż kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali ta' l-għaxra (10) ta' Ottubru, 1995, u bl-imgħax legali mid-data tas-sentenza sa l-effettiv pagament kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata ta' l-atturi a fol. 2;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut a fol. 13 fejn eċċepixxa:

Illi l-ewwel talba għandha tiġi miċħuda stante li għall-inċident stradali ma kienx jaħti l-esponenti;

Illi jsegwi li t-tieni talba għandha tiġi miċħuda stante li

m'hemmx danni ta' l-atturi x'jiġu llikwidati;

*Omissis*;

Rat il-verbal a fol. 51;

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament;

Semgħet lill-Avukati difensuri jittrattaw;

Rat in-noti tal-partijiet;

*Omissis*;

Illi fil-każ in eżami ż-żewġ partijiet qed isostnu li t-triq li kienu għaddejjin minnha kienet triq prinċipali. L-attriċi tgħid Triq Falaise dak iż-żmien kienet id-dħul u l-ħruġ prinċipali għal u minn Pembroke, mentri l-konvenut qed isostni li Triq Alamein hija prinċipali għax hija arterja ewlenija li juża' t-traffiku biex min-naħa ta' Pembroke (u anke St. George's Bay) joħroġ għal St. Andrews;

Illi hu aċċettat mill-partijiet li fiż-żmien ta' l-inċident ma kienx hemm *sleeping policement* u *Stop sign* kif hemm illum;

Skond il-Highway Code artikolu 10 (versjoni reċenti):

*"As a rule major roads are those designated as such by means of the "Priority Road" sign and minor roads those with a "Stop" or "Give Way" sign or a white line painted across the*

*carriageway. If in doubt treat the other road as the major road*";

Illi fil-każ in eżami ma kien hemm ebda indikazzjonijiet bħal dawn fiż-żmien ta' l-inċident u għalhekk il-Qorti ser tikkunsidra li l-inċident bħala li ġara f'salib it-toroq bejn triqat sekondarji jew *roads of equal importance* u għalhekk japplika l-prinċipju enunċjat f'sec. 68 tal-*Motor Vehicle Regulations* u sec. 93 tal-*Highway Code* (edizzjoni ġdida):

**Sec. 68:** "*Saving the provisions of regulation 68B, when two motor vehicles are approaching each other at an intersection of roads of equal importance, the driver of the motor vehicle which has the other vehicle on his left shall allow such other vehicle to pass*";

**Sec. 93:** "*At the intersection or junction of roads of equivalent traffic importance, where vehicles approach the intersection or point of junction simultaneously priority should, unless otherwise indicated, be accorded to vehicles on the left*";

Dina r-regola ġiet interpretata mill-Qrati tagħna li tfisser li żewġ sewwieqa meta javviċinaw salib it-toroq iridu jieħdu l-prekawżjonijiet kollha neċessarji biex jevitaw kolliżjoni u li jekk jonqsu minn dan id-dover, it-tnejn iridu jbatu parti mit-tort. Dan il-punt ġie spjegat fil-kawża, **Carmel Belizzi** *pro et noe vs* **Joseph Vella**, fejn il-Qorti kienet qalet:

"Kif irritenew ripetutament il-Qrati tagħna jinkombi indistintament lil kull sewwieq li jkun qed jersaq lejn inkroċju fformat minn żewġ toroq ta' l-istess importanza li jipproċedi bil-mod ferm u ma jittraversax dan l-inkorċju qabel ma jaċċerta ruħu bl-akbar ċirkospezzjoni li l-ebda vettura oħra ma tkun riesqa hija ukoll lejn l-istress inkroċju sia fuq il-lemin, aktar u

aktar fuq ix-xellug tiegħu minħabba l-preċedenza fir-regola 68 tal-Motor Vehicles Regulations **Infatti, sakemm ma jasalx fl-inkroċju u ma jesplorax diliġentement, ebda sewwieq li jkun bi ħsiebu jittraversa ma jista' jkun jaf minn qabel minn liema naħa u taħt liema ċirkostanzi tista' titfaċċalu vettura oħra u, kwindi, tispettax lilu jew le d-dritta;**

**Kull sewwieq, għalhekk, li jonqos minn dan id-dmir strett tiegħu għandu jitqies li jkun ikkontribwixxa għal kull eventwali kolliżjoni li tista' tavvera ruħha, b'dan biss li, fid-determinazzjoni tal-grad ta' ħtija ta' kull wieħed miż-żewġ sewwieqa li jkunu naqsu t-tnejn mid-dmir predett, tista' tittieħed in konsiderazzjoni d-dritta preskritta mill-imsemmi regolament 68 tal-M.V.R.**;

(ara sentenzi **Zahra** *vs* **Polidano**, Prim' Awla Qorti Ċicili 22.3.72;

**England** *noe* *vs* **Zammit**, Prim' Awla Qorti Ċivili 16.5.73);

Din ir-regola ta' preċedenza lit-traffiku fuq ix-xellug mhix waħda li tkun teżisti *a priori*, imma waħda li tirradika ruħha biss wara li s-sewwieqa jkunu raw lil xulxin u stabbilew min minnhom qiegħed fuq ix-xellug ta' l-ieħor;

Biex, wara li s-sewwieqa jkunu raw lil xulxin, ikollhom l-opportunità li jċedu d-dritta lil min tkun tispetta, jkun meħtieġ li huma jkunu qed isuqu bi *speed* tali li jippermettilhom li tempestivament jirreaġixxu u jieqfu ħalli jkunu jistgħu jċedu d-dritta;

Bi *speed* **baxx** u *look out* **assidwu** biss jistgħu jiġu evitati inċidenti f'inkorċji bħal dawn;

Illi, fil-każ in eżami, meta l-attriċi waslet fl-inkroċju, hi ma waqfitx biex tesplora t-triq iżda naqset biss b'mod li ma setgħetx tara sew jekk kinux ġejjin karozzi minn fuq il-lemin tagħha. Dana l-obbligu tagħha kien akbar billi kif qalet hi stess kien hemm bini għoli li kien qed iċekknilha l-viżwali. Il-konvenut, anzi xehed li l-attriċi lanqas biss ħarset fuq il-lemin tagħha meta qasmet iżda baqgħet ħierġa;

Il-fatt li hi laħqet qasmet nofs it-triq ma jfisser xejn għax kif qalu diversi drabi l-Qrati tagħna:

"Il-fatt li s-*side road user* ġie milqut meta kien ittraversa biċċa sewwa mit-triq prinċipali huwa irrilevanti" (App. Krim. **Pulizija** *vs* **C. Balzan**, 27.5.67);

"Meta wieħed jiġi biex jaqsam it-triq b'karozza dan irid jara li ma jkunx hemm traffiku, mhux biss meta jibda jaqsam imma anke sakemm jaqsam għal kollox" (App. Ċiv. **H. Farrugia** *vs* **R. Ripard**, 15.2.74);

Għalhekk l-attriċi kellha tort għall-inċident jew parti mit-tort;

Rigward is-sewqan tal-konvenut jirriżulta mill-provi li għalkemm hu xehed li ra lill-attriċi ser taqsam hu ppretenda li l-attriċi kellha ċċedilu għax kellu d-dritta u baqa' għaddej iżda l-attriċi baqgħet ħierġa;

Il-fatt li hu qal li daqqilha l-*horn*, ma jagħtihx preċedenza li ma kellux jew li jagħmel li jrid;

Il-Qorti hi tal-fehma li f'dana l-każ iż-żewġ sewwieqa naqsu milli jżommu *proper look out* meta waslu fl-inkroċju u

baqgħu ħerġin bla ma waqfu għax it-tnejn ħasbu li kellhom id-dritta. Jidher li l-impatt kien qawwi ħafna tant li l-mini spiċċat *total loss* (ħsara ta' fuq Lm1,000) u l-van ġarrab ħsara ta' Lm500;

Għalhekk il-Qorti tikkonkludi li t-tort kien taż-żewġ sewwieqa, iżda billi l-attriċi kellha d-dritta, it-tort tal-konvenut kien akbar b'mod li l-attriċi għandha teħel 1/3 mit-tort mentri l-konvenut 2/3;

*Omissis*;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi:

Billi tiddikjara li l-inċident ġara tort taż-żewġ sewwieqa, terz għall-attriċi u żewġ terzi għall-konvenut; tillikwida l-ammont dovut lill-attriċi fis-somma ta' Lm722.64; u tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attriċi l-ammont hekk illikwidat; bl-ispejjeż skond ir-rispettivi rebħ u telf; bl-imgħax mid-data tas-sentenza;

*Omissis*;